# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD


Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt


*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Jannar 2011 - NRU. 340*


## Paċi fl-art lill-Bnedmin ta' rieda tajba!

Paċi lilkom għeżież parruċjani, il-Milied għadda u j'alla nibdew sena wkoll mimlija Barka u Sliem mingħand il-Mulej. Kemm huwa żmien sabiħ il-Milied għax fiħ naraw l-imħabba tal-Missier li għoġbu jibagħtilna lil Ibnu bħala bniedem biex isalvana mil-ħakma tad-dnub.

L-ewwel jum tas-sena huwa jum il-paċi u hekk għandha tkun is-sena kollha. Kelna festi sbieħ fil-parroċċa, kif ukoll ħafna attivitajiet kemm spiritwali u kif ukoll dawk rekreattivi, u tieħu pjaċir tara lil parruċjani miġbura flimkien għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-parroċċa, għaliex nuru li aħna veru parruċjani u li naprezzaw il-ħidma kollha li qeda issir biex f'dawn l-okkazjonijiet kemm il-liturgija kif ukoll mumenti ta' għaqda naprezzaw l-isforzi li jsiru biex kulħadd iħossu parti mill-parroċċa. Wieħed jista jidħol il-Knisja u verament iħoss l-ispirtu tal-Milied.

Għal grazzja ta' Alla fil-parroċċa tagħna jiġu ħafna nies li ma jogħqodux hawn u dan  għaliex iħossuhom komdi u ħafna huma dawk li jħallu kummenti sbieħ fuq l-organizzazjoni li issir fil-parroċċa tagħna. Imma kemm hawn minkom il-parruċjani li f'okkazjonijiet speċjali bħal dawn ma jattendux hawn? Hija domanda li jiena nagħmel. U hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex dawn il-festi marru hekk tajjeb, kemm lil-kumitat tal-festa u żgħażagħ li ħadu ħsieb jarmaw kemm it-triq u z-zuntier u l-faċċata tal-Knisja kif ukoll il-Knisja infisha, kif ukoll lil għaqdiet tal-parroċċa u kummisjonijiet għax xogħol siewi li wetqu f'dan il-Milied kif ukoll ix-xogħol li jsir matul is-sena.

Għall-grazzja t'Alla din is-sena bdejna nużaw iċ-ċentru parrokjali neċessita fil-paroċċa tagħna. Ilu minn Kappillani ta' qabel jinħaseb biex dan il-proġett iseħħ u naħseb li P. Alfons kien li beda' jagħti ħajja għal dan il-proġett kif ukoll kappillani warajħ komplew jagħtu s-sehem tagħhom fil-bini tiegħu bħal P. Joseph Xerri u oħrajn. Iċ-ċentru huwa biċċa mill-parroċċa u bl'għajnuna tal-provinċja kif ukoll ta' persuni li f'imgħoddi taw is-sehem tagħhom finanzjarjament, dan seta' jitkompla u jitlesta. Imma ukoll grazzi mill-qalb lil qalb kbira ta' parruċjani li taw is-sehem tagħhom matul din is-sena biex din ir-realta' setgħet tkun possibbli bl'għajnuna tagħhom. Fejn hemm ir-rieda hemm il-qawwa u għalhekk l-affarijiet ikunu jistgħu jsiru. Iċ-ċentru huwa għal użu tal-parroċċa fejn fiħ jibdew isiru laqgħat ta' formazzjoni kif ukoll attivitajiet soċjali.

Fiħ għandna Kappella tas -Sagrament fejn il-quddiem tkun miftuha wkoll biex inkunu nistgħu immorru inżuru lil Ġesu' Sagramentat.

Parroċċa għalkemm żgħira imma għal grazzja ta' Alla għandna kollox. Ejjew ħalli flimkien inħarsu l-quddiem u ma nkunux negattivi, ma nkunux għassa ta' xulxin, imma inħarsu fil-posittiv u ngħinu lil xulxin. Il-parroċċa għandha bżonnkom biex naħdmu flimkien u nimxu l-quddiem fi spirtu wieħed u b'għan wieħed għal ġid tagħna infusna kif ukoll ta' dawk ta' madwarna.

Dan huwa l-awġuri tiegħi għal din is-sena ġdida li Alla l-imbierek tana' mill-ġdid. Il-ħajja hija ferm sabiħa jekk inti ukoll tagħti is-sehem tiegħek u tuża t-talenti tiegħek għal ġid tal-parroċċa. Hawn ħafna xi jsir jekk trid tgħin għalhekk għin toqgħodx lura. Dak li tagħmel għamlu għal Alla għaliex ir-rigal huwa jagħtijulek u mhux dawk ta' madwarek.

Tkunu imberkien. Is-Sena tajba lil kulħadd.

P. Donald M. Bellizzi OFM Conv.
Kappillan

## Rizultati tal-Kompetizjoni Presepji:

Mrs. Agnes Borg

Mr & Mrs Mario Grech

Mr & Mrs Albert Grech

Mr & Mrs Charles Pullicino

Mr & Mrs Jason Bugeja



# Kwaranturi

**Il-Ġimgħa 28, is-Sibt 29 u l-Ħadd 30 ta' Jannar**

**Il-Ġimgħa 28 ta' Jannar: L-Ewwel jum tal-Kwaranturi – Is-Sagrament jibqa' espost il-ġurnata kollha.**

Wara l-quddiesa tas-6.15 ikun hawn l-esposizjoni tas-sagrament fejn flimkien mal-komunita' tal-patrijiet jingħad it-talb ta' sbiħ il-jum u l-uffiċjut al-qari. Fil-5.30pm rużarju meditate u barka sagramentali. Il-quddiesa tkun bl-għasar u bil-ħsieb.

**Is-Sibt 29 ta' Jannar: It-Tieni jum tal-kwaranturi – is-sagramertn jibqa espost il-ġurnata kollha.**

Wara quddiesa tas-6.15am ikun hawn l-esposizjoni tas-sagrament fejn flimkien mal-komunita' tal-patrijiet jingħad it-talb ta' sbieħ il-jum u l-uffiċjut al-qari. Fid-9.00am quddiesa għat tfal, imma dejjem tkun miftuha għal kulħadd. Fil-5.30pm rużarju meditate, barka sagramentali. Il-quddiesa tkun bl-għasar u bil-ħsieb u tkun animate mil-kor tal-parroċċa - Ħlewwa ta' Marija.

**Il-Ħadd 30 ta' Jannar: It-tielet jum tal-kwaranturi.**

**Wara quddiesa tas-8.30am ikun hawn esposizjoni tas-sagrament.** Fil-5.30pm ruzarju meditate u barka sagramentali. Il-quddiesa tkun bl-għasar u bil-ħsieb u tkun animate mil-kor tal-parroċċa Ħlewwa ta' Marija u kor tal-Kitarri Creation folk Grupp. Fl-aħħart al-quddiesa ssir purċissjoni bis-sagrament madwar iż-żuntier tal-Knisja u fit-tmiem tingħata l-Barka Sagramentali.

# Djarju Jannar

**Is-Sibt 8:** Adorazzjoni għal qdusija tal-Kleru fil-Parroċċa tagħna. Tibda fid-9.45pm bil-Quddiesa sa 12.00am. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi għal din l-adorazzjoni.

**Il-Ħadd 9:** Fil-parroċċa tagħna sejjer ikun hawn il-Bank tad-demm. Tajjeb li nagħtu is-sehem tagħna. Laqgħa tal-gruppi familji insara fl-10.30am

**It-Tlieta 11**: Adorazzjoni u rużarju tal-Ħniena Divina immexxija mil-Kummisjoni Liturġija. Tibda fil-5.00pm.

**Is-Sibt 22**: Attivita' b'risq il-Parroċċa - ikla buffet fit-Topaz Hotel wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Min ikun sejjer jattendi ma jħallix għall-aħħar għax inkunu irridu nibbukjaw.

# Ħsieb Spiritwali

## FTIT ĦSIBIJIET GĦAS-SENA L-ĠDIDA

- Qatt taqta' qalb persuna, jista' jkun li ma fadlilha xejn aktar hlief it-tama.
- Qatt tiehu decizjoni meta inti fir-rabja.
- Oqghod attent/a minn dawk li m'ghandhom xejn x'jitilfu.
- Tghallem ighid 'le', imma ighidha bl-imhabba.
- Tistenniex li l-hajja dejjem se tkun gusta.
- Tinkwetax li titlef xi battalja, jekk hekk hemm bzonn biex tirbah gwerra.
- Toqghodx titghazzen. Dak li ghandek taghmel aghmlu issa.
- Tibzax tghid 'Ma nafx' jew 'Jiddispjacini'.
- Is-solitudni tezisti biss fil-mohh. M'ghandekx bzonn nies ohra biex thobb lilek innifsek u tkun ferhan/a.
- Gib ruhek ma' l-ohrajn kif tixtieq li huma jgibu ruhhom mieghek.
- Ighix il-mument. Tigrix 'il quddiem.
- Tkunx ahrax mieghek innifsek. Inti gejt fid-dinja biex tiskopri inti min inti. Ghalhekk gawdi l-avventura tal-hajja.
- Dejjem ighid il-verita'.
- L-aktar li se titghallem u tikber hu mit-tbatija u d-dizappunti tal-hajja.
- Tghallem iskot u isma' lill-ohrajn.
- Apprezza l-gmiel tal-hajja ta' madwarek.
- Qatt titlef il-kontroll tieghek innifsek…ieqaf sakemm tikkalma.
- Xejn ma jigri b'kumbinazzjoni fil-hajja. Kollox jigri bi skop.
- Immedita mill-inqas kwarta kuljum.
- Inti ghandek dritt li tkun ferhan/a.